Tagħrif miġbur minn **Joseph Flask**

# San Piju X
## *u l-Inkurunazzjoni tal-Madonna tal-Kor*

*"Il-pontifikat ta' Piju X ma damx wisq, xorta waħda, iżda, jitqies bħala fost l-aqwa għal dawn l-aħħar ħamsin sena."*
**Cramer-Clett, Hochland 1913-1914, v.II, p.19**

### *Daħla*

Is-seklu XX, sa mill-bidu tqies bħala s-seklu tad-dlam. Is-sekulariżmu u l-liberaliżmu għoddhom ġabu fix-xejn il-ħidma kbira għall-paċi fl-Ewropa, apparti li f'bosta pajjiżi Ewropej inbidlu f'movimenti anti-klerikali. Iċ-ċiviltà Latina li saltnet tul is-sekli fl-Ewropa kienet strumentali biex fi Franza sseħħ, finalment, id-demokrazija; daqstant ieħor, iżda għaliex abbużat tniedew reġimi dittatorjali fi Spanja u fil-Portugall. Fl-Afrika tqanqlu sentimenti nazzjonalisti li wasslu biex il-popolazzjoni sewda, iktar numeruża, turi fil-beraħ l-għadab tagħha kontra l-popolazzjoni bajda li għal tant snin ħakmithom b'id tal-ħadid.


*San Piju X*

Il-kultura Tewtonika wasslet biex jinbet, jikber u jiżviluppa n-Nażismu fil-Ġermanja u l-Komuniżmu fir-Russja. Mexxejja ewlenin bħal Adolf Hitler fil-Ġermanja, Josip Dzhugashvili Stalin fir-Russja, Benito Mussolini fl-Italja, il-Ġeneral Francisco Bahamonde Franco fi Spanja u l-Ġeneral Antonio de Oliveira Salazar fil-Portugall mexxew b'ponn tal-ħadid, nisslu l-mibegħda fost il-miljuni ta' nies li ħakmu, għamlu delitti ħorox kontra l-umanità.

It-Tieni Gwerra Dinjija prattikament qasmet l-Ewropa f'żewġ blokki fil-Lvant tiddomina r-Russja u l-pajjiżi satelliti tagħha wara dik li kienet magħrufa bħala l-purtiera tal-ħadid u fuq in-naħa l-oħra l-Istati Uniti u l-alleati tagħha tal-Punent Ewropew. Quddiem din is-sitwazzjoni ħafna mill-pajjiżi ta' l-Afrika u ta' l-Asja ħassew li mhux biss kienu ġew minn taħt iżda kienu qed jitwarrbu fin fin miż-żewġ superpotenzi u ma fadlilhomx triq oħra għajr li jingħaqdu ffurmaw l-Għaqda tal-pajjiżi mhux allineati. Fost dan it-

tqanqil politiku u taqlib soċjali, il-Knisja Kattolika, bir-rappreżentant tagħha u suċċessur ta' San Pietru, il-Papa, mill-ġdid sabet ruħha f'pożizzjoni dominanti.

Din id-darba iżda b'sehem ferm differenti u minflok ix-xwabel u armi oħra sabet ruħha tħares u tiddefendi bis-sħiħ il-kuxjenza tal-bnedmin bl-impożizzjoni tat-tagħlim tagħha biex il-verità tirbaħ fuq it-tagħlim fieragħ u d-dritt jiżboq il-ħażen. M'hemmx dubju li s-seklu XX kien seklu ta' Papiet kbar bħal San Piju X, il-Papa ta' l-Ewkaristija (1903-1914), Beneditt XV il-Papa tal-Paċi (1914-1922), Piju XI il-Papa Għaref (1922-1939), Piju XII *Pastor Angelicus* (1939-1958), Ġwanni XXIII *Pastor et Nauta* (1958-1963), Pawlu VI *Flos Florum* (1963-1978) li mexxew il-Knisja ta' Kristu anke kontra l-mewġ, fil-maltemp b'għan u skop wieħed li l-messaġġ ta' Kristu jinxtered ma' kullimkien.

Żgur, iżda, li ma' isem dawn il-Papiet, u biex ma nonqsux, xieraq li wieħed iżid isem Papa Ġwanni Pawlu I (26 ta' Awissu 1978 - 29 ta' Settembru 1978), u l-Papa Ġwanni Pawlu II (1978- ) li huma wkoll, u speċjalment il-Papa preżenti, il-Papa li ġie mil-Lvant, il-Papa Pollakk, l-ewwel Papa mhux Taljan wara mijjiet ta' snin, li għadu jaħdem minkejja l-età u l-mard, biex jikkumbatti kontra t-tagħlim qarrieq imħaddan minn imħuħ perversi li kull ma jmur qed jinfirex dejjem aktar. Forsi mhux kwistjoni ta' gwerrer bl-armi iżda gwerrer ta' l-imħuħ, iktar fini u iktar intelliġenti.

Mal-mewt tal-Papa Ljun XIII il-Papa Soċjali (1878-1903) nhar l-20 ta' Lulju 1903, il-luttu kien ġenerali, mhux fil-Knisja biss iżda wkoll f'diversi nħawi fid-dinja. Huwa kien għalaq id-93 sena, Saċerdot għal 65 sena, sittin minnhom bħala Isqof u ħamsin bħala Kardinal u Papa għal 25 sena u 5 xhur.

Erbatax-il ġurnata wara l-mewt tal-Papa Ljun XIII li kien magħruf ukoll bħala *Lux Coeli* ssejħu Ruma l-Kardinali kollha, li nġabu f'Konklavi fil-kappella Sistina biex jaħtru Papa ġdid. L-aħbar bħal-leħħa ta' berqa u dak li sa dakinhar, l-4 ta' Awissu 1903, kien magħruf bħala l-Kardinal Giuseppe Sarto, Patrijarka ta' Venezja, inħatar Papa u ħa l-isem ta' Piju X.

## *Min kien?*

Qabel ma nikteb fuq il-Pontifikat ta' San Piju X, xieraq li nagħti tagħrif fil-qosor fuq ħajtu. Iben Giovanni Battista u Margherita Sarto, Giuseppe Melchiorre Sarto twieled f'Riese fit-Tramuntana ta' l-Italja minn familja fqira. Madankollu, il-ġenituri tiegħu hekk kif intebħu li binhom kien iddedikat fl-iskola, bagħtuh Caselfranco Veneto fejn kien hemm l-eqreb skola sekondarja. Sa minn kmieni, avolja tifel ċkejken, ħass il-ġibda lejn is-saċerdozju, iżda flus ma kienx hemm. Dawn iżda, malajr ġew għax rebaħ *scholarship* u b'hekk fl-1850 seta' jidħol fis-Seminarju ta' Padova u tmien snin wara ġie ordnat Saċerdot. Inxteħet b'ruħu u ġismu fix-xogħol pastorali f'Tombolo u fl-1867 inħatar Kappillan ta' Salzano.

Ħidmietu, ħiltu u qdusitu tqiesu sew mill-awtoritajiet tal-Knisja tant li fl-1875 inħatar bħala Rettur tas-Seminarju ta' Treviso u fl-istess ħin intalab jaqdi d-dmirijiet ta' Kanċillier tal-Kurja u jservi bħala Kanonku fil-Katidral ta' Treviso. Ma laħqux għaddew tliet snin, l-Isqof ta' Treviso miet u l-Kan Sarto inħatar Vigarju Djoċesan sakemm seba' xhur wara inħatar Isqof ta' Treviso. Serva f'din id-Djoċesi għal sitt snin għaliex fl-1884 intbagħat bħala Isqof ta' Mantova. Kif diġà kien għamel fi Treviso fittex mill-ewwel u żamm il-kuntatt man-nies, speċjalment mal-popolin. Impenja ruħu biex jagħmel żjajjar spissi fil-parroċċi u nieda pjan ta' formazzjoni għas-seminaristi u ta' aġġornament għall-Kleru.

Huwa kien jemmen li s-suċċess spiritwali jiddependi ħafna minn kemm Djoċesi għandha saċerdoti qaddisin u ta' ħila.

Il-Papa Ljun XIII, fl-1893 għażlu bħala Patrijarka ta' Venezja u b'hekk Mons. Giuseppe Sarto sar ukoll Kardinal. Ma tantx kien jieħu pjaċir bil-ħatriet li kienu jingħatawlu, iżda qatt ma tilef il-karattru ċajtier u ferrieħi li kien jiddistingwieh. Għal għaxar snin sħaħ ħadem u stinka biex jgħolli l-livell tal-ħajja kemm tal-Kleru kif ukoll tal-poplu. Ma kellux ambizzjonijiet u xorta baqa' jgħix ħajja umli u sempliċi.

## Bniedem Umli

Fl-1903 meta ssejjaħ biex imur Ruma ħalli jieħu sehem fil-funeral tal-Papa Ljun XIII u jattendi għall-Konklavi biex jinħatar Papa ġdid, qata' żewġ biljetti wieħed biex imur Ruma u l-ieħor biex jirritorna lejn Venezja. Fuq dan inkiteb ħafna u personalment smajt diversi interpretazzjonijiet. Il-fatt hu li xi ħadd qrib sew tal-Patrijarka ta' Venezja staqsieh għaliex qata' biljett tal-ferrovija bir-*return* u b'ċajta qallu "...wara kollox tista' ssir Papa." Il-Kardinal Sarto ma ħasibhiex darbtejn u wieġbu: "Possibbli, l-Ispirtu s-Santu jħobb jiċċajta b'dan il-mod?"

Hemm ukoll żewġ fatti oħra konnessi mal-ħatra tiegħu bħala Papa. Darba minnhom kien mar Ruma biex jieħu sehem f'xi funzjoni u sab postu ma' ġenb Kardinal Franċiż li inzerta ma kienx jaf jitkellem bit-Taljan. Dan staqsa lill-Kardinal Sarto ta' liema belt kien Arċisqof. Naturalment il-Patrijarka ta' Venezja, li ma fehem xejn, wieġbu bit-Taljan u qallu: "Ma nafx Franċiż!" Il-Kardinal l-ieħor ma qatax qalbu u reġa' għamillu l-istess mistoqsija bil-Latin. Il-Kardinal Sarto kompla miegħu u bil-Latin qallu li kien il-Patrijarka ta' Venezja. Il-Kardinal Franċiż min-naħa tiegħu ma waqafx hemm u żied jistaqsieh: "Allura, ma tafx titkellem bil-Franċiż?" Dejjem bil-Latin il-Kardinal Sarto wieġbu: "Le ma nafx. Jiena ġej minn familja fqira u qatt ma kelli l-opportunità li nitgħallem il-Franċiż." L-ieħor kien pront u qallu "Mela inti, qatt, m'hu se ssir Papa!" Il-Patrijarka ta' Venezja tbissem u bilkemm ħallieh itemm diskorsu, u wieġbu hekk: "Sewwa qed tgħid. *Deo gratias!*" Bħallikieku: minn fommok 'l Alla.

It-tieni fatt seħħ proprju fil-Kappella Sistina waqt il-Konklavi fejn fost Kardinali prominenti preżenti u li kien qed jissemma li se jsir Papa, kien hemm il-Kardinal Mariano Rampolla dei Conti del Tindaro, li kien ukoll is-Segretarju ta' l-Istat tal-Vatikan. Il-Kardinal Rampolla kien magħruf sew għall-ħiliet diplomatiċi tiegħu u kien strumentali, biex iqarreb u jirranġa d-differenzi bejn Franza u r-Russja u l-għedewwa tagħhom il-Ġermanja, l-Italja u l-Awstrija li kienu alleati bejniethom.

Ħidmet il-Kardinal Rampolla falliet u prattikament falliet ukoll id-diplomazija Vatikana li kienet tant għal qalb Papa Ljun XIII kif ukoll kellu jkollha riperkussjonijiet kbar fil-karriera ta' l-istess Kardinal. Tant hu hekk li meta ltaqa' l-Konlavi wara l-mewt tal-Papa Ljun XIII, minkejja li kollox kien jindika li l-Papa li jmiss kien se jkun il-Kardinal Rampolla (hemm min jgħid li kien diġà ġab l-akbar għadd ta' voti), l-Awstrija imponiet il-*veto* tagħha biex ma jsirx Papa hu. Għalhekk il-Kardinali kellhom jagħżlu lil ħaddieħor u minkejja l-protesti min-naħa tiegħu ntgħażel il-Patrijarka ta' Venezja, il-Kardinal Giuseppe Sarto.

## Bidliet u Riformi

Il-Kardinal Sarto, minnufih talab lill-Kardinal Rampolla biex jibqa' fil-ħatra ta'



*L-inkwadru tal-Papa Piju X ġej f'pelleġrinaġġ mill-knisja ta' San Pawl*

Segretarju ta' l-Istat, iżda dawn ma aċċettax u l-Papa l-ġdid kellu jsofri l-ewwel dispjaċir tiegħu fil-ħatra l-ġdida bħala r-Ragħaj tal-Kattoliċi. Madankollu ma qatax qalbu u wera mill-ewwel li kien se jibqa' s-saċerdot umli u qaddis li kien; is-saċerdot u l-ħabib ta' kulħadd. Fuq l-iskrivanija tiegħu ma poġġa xejn ħlief Kurċifiss u statwa żgħira tal-bronż tal-qaddis kurat ta' Ars, Jean Baptiste Vianney li huwa stess kien ibbeatifika.

Il-bidla li seħħet, ħolqot interess f'kulħadd għajr forsi fil-Kurja Vatikana fejn qajla kien isir xi taqlib. Anke d-direttivi, u l-ordnijiet mogħtija minnu qanqlu ħafna kurżità u forsi wkoll irritaw lil bosta oħrajn. Dan għaliex f'moħħu huwa kellu biss il-qdusija tal-fidili. Għalhekk spiss gruppi ta' tfal li kienu qed iħejju għall-Ewwel Tqarbina kienu jmorru l-Vatikan għall-udjenza mal-Papa Piju X, li kien jirrikmandalhom li malli jirċievu s-Sagrament tat-Tqarbin jagħmlu minn kollox biex jekk jista' jkun jitqarbnu kuljum.

Kien jagħmel kull mezz biex jilqa' lill-Kappillani tal-knejjes ta' Ruma u kien isus fuqhom biex iħejju sew lit-tfal għat-tqarbin; mhux ta' b'xejn jissejjaħ il-Papa ta' l-Ewkaristija. Sforz l-imħabba kbira li kellu lejn Ġesù Sagrament, fl-1905 nieda Kungress Ewkaristiku f'Ruma. Kien neħħa wkoll l-obbligu tas-sawm lill-morda.

Kull nhar ta' Ħadd, imbagħad, wara l-quddiesa kien jistieden eluf ta' Kattoliċi minn Ruma u m'humiex, biex jiltaqgħu miegħu fil-ġonna tal-Vatikan u fil-bitħa ta' San Damasu. F'kelma waħda b'għemilu u bid-deċiżjonijiet tiegħu, sa mill-bidu wera li l-Pontifikat tiegħu kien se jkun ta' xejra differenti minn dawk ta' qablu. "Wara Papa politiku u għaref, laħaq Papa ragħaj ta' l-erwieħ. Ljun XIII ta ħinu u l-enerġija kollha tiegħu f'ħidmiet biex itejjeb ir-relazzjonijiet diplomatiċi bejn il-Knisja u l-pajjiżi rispettivi kif ukoll għall-evalwazzjoni tal-problemi kbar ta' żmienu. Dwar dan kiseb appoġġ qawwi. Iżda jista' jingħad li ħidmietu tkompliet u ntemmet b'suċċess, anke jekk b'metodi differenti minn Papa Piju X. Ljun XIII kien Papa teoriku, Piju X kien Papa ta' prattiċità liema bħala minkejja li kien laħaq suċċessur ta' Pietru." (Reinarz, *Das Pontifikat Pius X*, Dusseldorf, 1926, p.6)

Riformi oħrajn importanti u li kienu tant meħtieġa fil-Knisja, kienu dawk dwar il-Liturġija, il-Brevjar, il-Kant Sagru, il-Katekiżmu ta' l-adulti. Fost l-iktar għal qalbu flimkien ma' dik tal-kant Liturġiku, kien iħobb ħafna il-kant Gregorjan, bilfors trid tissemma r-riforma kbira fil-formazzjoni tal-Kleru u minbarra aġġornament fit-tagħlim ipprefera jagħmel seminari żgħar u jiftaħ oħrajn fuq bażi reġjunali. Ipprojbixxa lis-

Saċerdoti Djoċesjani u ir-reliġjużi mhux biss li jieħdu sehem dirett fil-politika imma wkoll li jkunu membri fl-amministrazzjoni ta' l-Għaqdiet soċjali.

Ippubblika d-digriet *Lamentabiles*, ġabra ta' 65 paragrafu biex ixejjen it-tagħlim ta' ċerti teoloġi fir-rigward tal-Bibbja, l-Ispirazzjoni, is-Sagramenti u l-primat tal-Papa. Bl-ittra Enċiklika *Pascendi Dominici gregis* ried akkost ta' kollox jeħodha kontra l-modernisti u jeqred id-duttrina qarrieqa tagħhom li diġà kienet bdiet dieħla sew. Biex jassigura li l-Maġisteru tal-Knisja u t-tagħlim tiegħu jitwassal kif xieraq u jilħaq lil kulħadd, Piju X ġiegħel lis-saċerdoti u dawk kollha ta' ħajja konsagrata jieħdu ġurament anti-modernista.

Ha ħsieb jirregola l-mod ta' kif kienet issir l-elezzjoni tal-Papa, ra mill-ġdid u għaqqad flimkien dispożizzjonijiet u direttivi li ngħataw mill-Papiet ta' qablu u żied oħrajn. Mhux eskluż li huwa għamel dan biex konklavi ieħor ma jkunx jista' jerġa' jseħħ dak li sar waqt l-elezzjonijiet tiegħu fil-każ ta' Kardinal Rampolla. Nieda wkoll ir-riforma tad-Dritt Kanonku (il-Kodiċi tal-Liġi tal-Knisja) u waqqaf Kummissjoni *ad hoc* li lestiet ħidmietha meta Piju X kien ilu li miet.

## Papa Qaddis

Ħajjet Piju X kienet tista' tgħid waslet fi tmiemha meta kien diġà beda jberraq fis-sema ta' diversi pajjiżi ta' l-Ewropa, l-għajta tal-gwerra bdiet tidwi u tinxtered ma' kullimkien. Huwa ħass li l-Ewropa kienet riesqa lejn gwerra tal-biża' u għalhekk filwaqt li ħeġġeġ lill-insara biex jitolbu b'fiduċja kbira u jersqu iktar lejn Kristu ħareġ jikkundanna lill-mexxejja politiċi, widdibhom u fl-istess ħin qalilhom li jkun aħjar għalihom li jaħdmu għall-paċi minflok jaħdmu għall-qerda. Sfortunatament is-sejħa tiegħu waqgħet fuq widnejn torox u l-gwerra faqqgħet qalila iktar milli mistenni. Kien ftit wara l-bidu tal-Gwerra l-Kbira li Papa Sarto, wara marda qasira qaleb għall-agħar u mas-sebħ ta' l-20 ta' Awissu 1914 ruħu ttajret għal għand il-Mulej. L-istoriċi jgħidu li l-Papa Piju X baqa' f'sensih sa l-aħħar u ftit qabel ma miet qal: "Il-Mulej Alla, li jista' kollox, ma jridnix nassisti għall-atti faħxija li qed isiru fl-Ewropa f'dawn il-ġranet."

Forsi mhux dak kollu li kien jemmen fih u li pprova jnissel fl-insara seħħ jew qabad art wara mewtu, iżda l-Knisja għarfet qdusitu u riedet tippremjah għas-servizz fejjiedi li ta b'umiltà liema bħalha. Fit-3 ta' Ġunju 1951, il-Papa Piju XII iddikjarah Beatu u tliet snin wara, il-Papa li twieled, għex u miet fqir ġie ddikjarat Qaddis mill-istess Papa Piju XII fid-29 ta' Mejju 1954. San Piju X kien l-ewwel Papa li ngħata l-ġieħ ta' l-altari mill-Papa San Piju V, li kien dikjarat Qaddis mill-Papa Klement VII fl-1712. Ma nafx jekk hix kumbinazzjoni imma anke l-Papa San Piju V kellu konnessjonijiet ma' Malta.

## Ir-Rabta bejn Piju X u Bormla

Ma nistax nimmaġina li xi ħadd ikun iħobb lill-iben u ma jkunx iħobb ħafna lil ommu. Irrid ngħid, li Piju X li kellu mħabba tal-ġenn lejn l-Ewkaristija ma setax ma jkollux ukoll imħabba kbira lejn Ommu Marija Santissima Piju X kien jemmen bis-sħiħ li n-nisrani jrid jiġġedded kontinwament fi Kristu, u biex iġedded kollox fi Kristu jenħtieġ li jrawwem, isaħħaħ fih devozzjoni lejn il-Madonna. Huwa kien persważ mill-fatt li fejn hemm id-devozzjoni vera lejn il-Madonna, hemm bilfors il-virtù u l-qdusija, li huma prinċipji bażiċi fil-ħajja tan-nisrani. U filwaqt li ħabbar it-tnedija tal-Kungress Ewkaristiku f'Ruma, nieda wkoll Kungress Marjan b'tifkira tal-50 anniversarju mid-dikjarazzjoni tad-Domma ta' l-Immakulata Kunċizzjoni mill-Beatu Papa Piju IX fl-1854. Il-Papa Piju

X, li sa mill-bidu impenja ruħu biex iwettaq dak li ħalla pendenti l-Papa ta' qablu, Ljun XIII, li ftit ġimgħat qabel ma miet ippubblika Ittra Appostolika li biha ħabbar proprju l-50 sena tad-Domma, żgur ħass li kienet ħaġa xierqa li jagħti iktar importanza lill-ittra msemmija bit-tnedija ta' Kungress Marjan.

L-Ittra Appostolika tal-Papa Ljun XIII u iktar u iktar il-Kungress Marjan imniedi mill-Papa Piju X ħeġġeġ u qawwa qlub il-Bormliżi li kien ilhom is-snin jisħqu mal-Kapitlu tal-Kolleġġjata biex jaħdem ħalli, dak li mal-Bormliżi kollha huwa magħruf bħala l-Inkwadru tal-Kor, jiġi inkurunat. Dan l-inkwadru, rigal lill-parroċċa ta' Bormla ta' Dun Ludovik Mifsud Tommasi, tpitter minn Pietru Pawl Caruana fl-1828 iżda tqiegħed fuq l-altar tal-Kor fejn għadu sal-lum, fl-1850. Bid-dikjarazzjoni tad-Domma, apparti li l-festi solenni li saru f'Bormla, il-Kapitlu u l-poplu Bormliż xtaqu kieku jaħtfu l-okkażjoni u jwettqu l-wegħda tagħhom. Tajjeb li nfakkru ħafif ħafif x'kienet din il-wegħda.

Fl-Atti Kapitulari tat-18 ta' Settembru 1838 hemm miktub, li l-membri tal-Kapitlu "għarkubbtejhom quddiem ix-xbiha ta' Marija Immakulata, b'ħerqa liema bħalha, wiegħdu lill-Madonna li jinkurunawha solennement kemm-il darba toħroġhom rebbieħa." Il-kapitlu xtaq li l-Madonna taqlgħalhom il-grazzja li jintemm it-tilwim kollu li nħoloq fuq il-kwistjoni ta' l-għaqda tal-parroċċa mal-Kolleġġjata, kwistjoni li kienet ħolqot firda serja fost il-Kleru Bormliż. Din il-kwistjoni twalet madwar 30 sena għaliex bdiet madwar l-1820 u għalkemm intemmet fit-30 ta' Settembru 1850 prattikament daħlet fis-seħħ fl-1852.



*L-inkurunazzjoni*

Minkejja t-tmiem tat-tilwim u minkejja d-dikjarazzjoni tad-Domma, kulħadd qabel li l-knisja kienet għadha mhix sura għall-ġrajja bħal dik, u għalhekk komplew iżejnu u nsebbħu l-knisja b'dekorazzjonijiet, pitturi u tiżjin.

## L-Inkurunazzjoni

Riferenza, tassew sinjifikattiva, għall-Kungress Marjan imniedi minn Piju X u l-Inkurunazzjoni u ta' l-Inkwadru tal-Kor, saret fl-okkażjoni tat-tqegħid ta' l-istillarju madwar ras il-Madonna tal-Kor mill-Kardinal Federico Tedeschini, fl-1955. Fil-jum qabel it-tqegħid ta' l-istillarju, il-Vigarju Ġenerali Mons. Emanuel Galea, Isqof ta' Tralles, li niseġ il-Paniġierku, fakkar lill-Bormliżi preżenti fil-Pontifikal solenni fil-ġrajja ta' l-Inkurunazzjoni u qal hekk: "Is-sena 1904, għeluq l-ewwel Ċinkwantenarju tad-definizzjoni dommatika ta' l-Immakulat Konċepiment ta' Marija Verġni, f'din id-data, Piju X kien fetaħ Ġublew għall-festi Marjani, u missirijietkom, ulied din il-belt, xtaqu jagħtu sinjal ta' vera mħabba u qima lejn il-Madonna. L-aktar glorja tal-Madonna kienet meta ġiet inkurunata mit-Tliet Persuni tas-Santissima Trinità u dawk missirijietna

riedu wkoll jagħtu glorja kbira fl-art lill-Madonna billi jinkurunaw ix-xbiha sabiħa tagħha venerata f'dan is-Santwarju, bħala att ta' fidi u mħabba lejha." [Anon., *Tifkira tal-Festi Ċentinarji (1854-1954) u Ċinkwantenarji (1905-1955) u li saru fil-Belt Cospicua*, 1955, p.44] Kliem li jixhed id-devozzjoni u l-ġibda li l-poplu Bormliż għandu lejn il-Kunċizzjoni, dik l-istess devozzjoni li minn dejjem kellhom missirijietna. U kemm tassew mhux biss il-Bormliżi iżda wkoll il-poplu Malti kollu kellu u għad għandu lejn l-Immakulat Konċepiment tal-Madonna, nissuġġerixxi li tiġi ppubblikata mill-ġdid u titqassam lil kulħadd l-Ittra Pastorali li l-Isqof Pace kien ħareġ fid-19 ta' Novembru 1904.

L-Ittra Appostolika ta' Papa Ljun XIII, il-ħatra ta' Piju X bħala Papa u t-tnedija tal-Kungress Marjan fl-1904 wasslu biex finalment issir talba formali li tressqet quddiem is-Santa Sede. B'ferħ kbir tal-Bormliżi t-talba li saret mill-Kapitlu ntlaqgħet u fl-24 ta' Jannar 1905, il-Papa Piju X iffirma d-Digriet ta' l-Inkurunazzjoni. Il-Bormliżi kollha, Kapitlu u poplu, ferħu u twaqqaf Kumitat *ad hoc* li ħejja festi kbar sakemm il-wegħda, sa fl-aħħar twettqet u l-Inkwadru tal-Kor ġie inkurunat mill-Kardinal Domenico Ferrata, li fost l-entużjażmu tal-poplu Bormliż qiegħed fuq ras il-Madonna l-kuruna tad-deheb imżewqa b'ħafna ħaġar prezzjuż u djamanti.

Is-Sur Ch. Galea Scannura fil-ktejjeb tiegħu *Tagħrif Storiku dwar il-Knisja Parrokkjali ta' Bormla*, 1983, p.27 kiteb hekk: "Fil-25 ta' Ġunju 1905, il-Kard. Ferrata twassal minn Għajn Dwieli akkumpanjat mill-banda u mill-poplu sal-knisja ta' Santa Tereża fejn sar il-kant tat-terza. Imbagħad bdiet purċissjoni sal-parroċċa li fiha ħadu sehem il-Kleru, Kappillani, Kapitli u l-Isqfijiet. Il-Kardinal mexa taħt baldakkin, waqt li warajh imxew bosta persunaġġi importanti fosthom *Rear Admiral Mitchell* u l-*President tal-Qrati* li żamm il-kuruna fuq imħadda. Fil-knisja saret quddiesa pontifikali u wara li nqara d-Digriet ta' l-Inkurunazzjoni, it-Tabib G. F. Inglott u l-Avukat L. Ellul iffirmaw il-kuntratt. Wara dan kollu ċ-ċerimonja laħqet il-quċċata tagħha meta l-Kardinal Ferrata bħala Delegat tal-Papa *a latere*, f'ismu u skond ix-xewqa tal-Papa stess, qiegħed il-kuruna tad-deheb miżgħuda b'ħaġar prezzjuż fuq ras il-Madonna."

## Għeluq

Il-festi f'Bormla ma sarux f'jum wieħed u komplew anke fil-jum ta' wara l-Inkurunazzjoni. Tajjeb li jingħad li l-Kapitlu ħoloq fi ħdanu l-ħatra ta' Kustodju ta' l-altar tal-Kor u bħala l-ewwel wieħed intgħażel il-Kan. Dun Franġisk Moretti. Fl-istess laqgħa ġie deċiż ukoll li l-ġrajja ta' l-Inkurunazzjoni, tibqa' titfakkar kull sena, il-Ħadd fuq il-festa tal-Qalb ta' Ġesù. Fl-aħħar mill-aħħar il-Kapitlu għamel tiegħu x-xewqa tal-Bormliżi kollha li minn dejjem riedu lill-Madonna tal-Kunċizzjoni bħala l-Omm u s-Sultana tal-belt tagħhom: BORMLA!

Il-Kardinal Tedeschini, minkejja ż-żjara qasira tiegħu f'Bormla fl-1955, irnexxielu jaqra qlub il-Bormliżi u għaraf kemm tabilħaqq huma ħaġa waħda mal-Kunċizzjoni tagħhom. Għad-diskors qasir ta' l-Arċipriet il-Kan. Dun Dumink Cutajar fi tmiem il-Pontifikal, il-Kardinal Tedeschini wieġeb hekk: "Kien pjaċir tiegħi li jiena niġi fostkom għat-tieni darba. L-ewwel darba li ġejt kien il-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali f'Malta (**n.p.**1913), kont ġejt mal-Kardinal Ferrata.

Biex tkunu tafu, jiena ħolqien ta' dan il-Kardinal u aktar ħadt gost li erġajt ġejn hawn f'Malta, għaliex missitni x-xorti li nkompli dak li huwa beda fostkom, Cospicuani. Huwa



*Il-Kardinal Federico Tedeschini jdawwar ir-ras tal-Madonna bl-istilel fl-1955*

poġġa kuruna fuq ras il-Madonna tagħkom, u jiena sejjer indawwar din ir-ras glorjuża bi stillarju sabiħ u artistiku.

"Aqraw kemm għaraftu tinterpretaw l-ideal tal-qaddis Piju X aktar min-nazzjonijiet l-oħra. Dan il-Papa Qaddis fl-ewwel Ċinkwantenarju tad-Domma ta' l-Immakulata mar iżejjen ras il-Madonna meqjuma fil-kor tal-Vatikan bi stillarju rikk u sabiħ, intom, mhux kuntenti li sebbaħtu ras il-Madonna tagħkom b'dik il-kuruna sabiħa, tridu issa żżejnu bi stillarju rikk u sabiħ kif għamel l-istess Papa Piju X, ħamsin sena ilu. Nifirħilkom, Cospicuani u magħkom nifraħ jien ukoll f'din is-sabiħa u qatt minsija ġrajja u nerġa' ngħidilkom li anke s-Santo Padre jipparteċipa magħkom dan il-ferħ meta jiena nirrakontalu dak kollu li rajt u li ħassejt fostkom, f'din il-belt ta' l-Immakulata. Oh! kemm jixirqilha dan it-titlu! Pajjiżi oħra għażluha, iva, bħala patruna tagħhom, imma ħadd ħliefkom ma għażilha b'dan it-titlu hekk sabiħ, bosta żmien qabel ma tkellem Piju IX." [Anon. *Op.Cit.*, p.53]

**Riferenzi**


Anon., *Żvilupp tal-qima lejn MARIJA VERĠNI IMMAKULATA f'Bormla*, G. Muscat, Malta, 1949

Anon., *Tifkira tal-Festi Ċentinarji (1854-1954) u Ċinkwantenarji (1905-1955) li saru fil-Belt Cospicua*, G. Muscat, Malta 1955

*ENCYCLOPAEDIA BRITTANICA,* 1962, Pius X, vol.17

*ENCYCLOPAEDIA BRITTANICA*, 1962, Card. Rampolla, vol.18

Galea Scannura Ch., *Tagħrif storiku dwar il-Knisja Parrokkjali ta' Bormla*, Bormla - Malta, 1983

*Il-Komunità Tagħna*, Festa San Piju X - 1997, Parroċċa S. Piju X, Santa Luċija

Ridder B., Manuale di Storia Ecclesiastica, EP, Alba(CN), 1958

Thomas P.C., *A compact history of the Popes*, St. Paul's, Bombay, 1997 (3rd Print)